# Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
**Ġurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Ġenerali**

**Maġistrat Dottor Brigitte Sultana**
**LL.D, LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, 30 ta' Settembru, 2022**

**Rikors Ġuramentat numru:- 57/2017 BS**

**Edwin Cefai**

**-vs-**

**John u Mary konjuġi Portelli u Christian Portelli**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Edwin Cefai[1] illi ppremetta:**

1. Illi r-rikorrenti huwa missier il-minuri Sharona Cefai, ta' liema minuri huwa fdat il-kura u l-kustodja taghha ad eskluzjoni tal-omm li ma hix parti minn dawn il-proceduri.

2. Illi minkejja li l-omm ghandha dritt ta' access din qajla tezercitah u ghalhekk il-missier qieghed irabbi lil bintu minghajr ebda ghajnuna adegwata tal-omm.

[1] A fol 1

3. Illi kuntatt man-naha materna hija rari ghaliex kemm il-missier kif ukoll l-omm ma jgawdux relazzjoni tajba mal-istess nanniet materni.

4. Illi fir-rigward tal-kwistjonijiet legali li jikkoncernaw l-istess minuri hemm pendenti quddiem il-Qorti Onorabbli tas-sezzjoni tal-Familja kawza fl-ismijiet Dianne Portelli vs Edwin Cefai 26/2015 JVC differita ghat-18 ta' Ottubru 2017, u cioe kawza bejn il-genituri.

5. Illi stranament fis-27 ta' Gunju 2017, gie intavolat rikors ghan-nom tal-intimati f'dawn il-proceduri, liema intimati jigu n-nanniet materni u z-ziju matern tal-minuri, biex jitolbu lil minuri wara din l-assenza totali minn hajjitha biex tkun flower girl, biex taghmel sleepover u tghaddi granet shah maghhom.

6. Illi r-rikorrenti wiegeb ghal dan ir-rikors billi oggezzjona kemm mil-lant ta' procedura kif ukoll fil-mertu.

7. Minkejja r-risposta tieghu l-Qorti Onorabbli appuntat social worker li minn naha taghha l-istess social worker issuggeriet li l-minuri tmur mhux biss ghat-tieg izda tghaddi gurnata minghajr hinijiet indikati fl-21 jew fl-24 ta' Lulju biex tinxtara l-libsa u bzonnijiet ohra tal-minuri, tattendi provi tat-tieg fis-16 ta' Awwissu mis-sitta sat-tmiem minghajr ma huma ndikati hinijiet u biex taghmel sleepover mit-18 sal-ghada d-19 ta' Awwissu li jkun l-ghada tat-tieg.

8. Il-Qorti Onorabbli sussegwentement tat digriet fid-dawl ta' "l-ahjar interess tal-minuri" sabiex tmur ghat-tieg u l-granet l-ohra ndikati mis-social worker u sabiex tattendi ghand psikologa a spejjez tal-missier u avvertiet lil partijiet (sic) li jekk ma' jottemperawx ruhhom mad-digriet ser jigu mposti fuqhom multi ghal disprezz fil-konfront tal-awtorita' tal-istess Qorti.

9. Illi sussegwentement ta' dan id-digriet it-tifla minuri qed taghmel xenati li qatt ma ghamlet bhalhom u tinsisti ma' missierha li zgura ma hix ser tattendi ghat-tieg. Bdiet tinghalaq fiha nfisha u bdiet turi sintomi ta' anzjeta enormi u ghalhekk il-missier jaf u qed jghix il-fatt li s-social workers ma kienux korretti meta qalu wara li kellmu lill minuri ghal hames minuti li t-tieg huwa fl-ahjar interess taghha.

10. Illi dan ir-rikors, ittra u proceduri huma legalment monki ghaliex ma hemm xejn fil-ligi li tawtorizza lin-nanniet u z-zijiet materni biex jintavolaw tali proceduri u oltre dan ma hemm l-ebda provvediment fil-ligi li jawtorizza il-Qorti sabiex pendente lite taghti digriet ta' din il-kwalita' – hawnhekk bl-ebda mod si tratta dwar kura u kustodja u access favur il-genituri tal-minuri.

Jghid ghaldaqstant l-intimat nomine ghaliex din il-Qorti ma ghandiex:

1. Tiddikjara li r-rikorrenti ghandu jedd bhala genitur li huwa fdat bil-kura u l-kustodja sabiex jiddetermina hu jekk it-tifla ghandhiex tattendi ghal-funzjoni jew le;

2. Illi l-ittra tal-medjazzjoni u r-rikors fl-atti tal-istess flimkien mad-digriet huma legalment monki u nulli ghaliex ma humiex awtorizzati mil-ligi;

3. Konsegwentement tirrevoka d-digriet contrarju imperio.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri kollha li jinsabu fl-atti tal-ittra numru 52/2017 kontra l-konvenuti msemmija.

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li minn issa huma mharrka skont il-ligi.

**Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-attur.**

**Rat ir-rikors b'urgenza tal-attur**[2] fejn talab lil din il-Qorti tappunta din il-kawża għas-smigħ b'urġenza, bid-dispensa tal-ferjat u bl-abbrevjazzjoni tat-termini legali stante li din il-kawża ġiet intavolata fil-21 ta' Lulju, 2017 filwaqt li t-tieġ li għalih intalbet l-attendenza tal-minuri kellu jinżamm fit-18 ta' Awwissu 2017.

**Rat ir-risposta tal-konvenuti**[3] **illi eċċepew:**

1. Illi l-kawza giet intavolata hazin ghaliex kellha tigi ntavolata fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja u mhux Sezzjoni Generali ghaliex huwa proprju d-digriet

---

[2] A fol 4

[3] A fol 14

moghti fl-20 ta' Lulju 2017 mil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja li qieghed jigi attakkat bit-talba li dan jigi revokat 'contrario imperio';

2. Illi d-digriet tal-ghoxrin (20) ta' Lulju 2017 moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja m'huwiex wiehed min dawk id-digrieti li jistghu jigu appellati permezz ta' rikors guramentat (qabel citazzjoni) ghaliex huwa semplici digriet li jirregola l-andament tal-proceduri "pendente lite";

3. Illi bl-atti odjerni, ir-rikrorenti qieghed jaghmel stultifikazzjoni tal-ligi tal-procedura ghaliex huwa ovvju li dawn il-proceduri jistghu anke jigu appellati u t-tieg ikun ilu li gie ccelebrat u ntesa u r-rikorrenti jkun sfida digriet tal-Qorti bbazat fuq relazzjoni tas-social workers billi m'obdix u tkun ghaddiet tieghu;

4. Illi bir-rispett kollu dawn il-manigji m'ghandhomx jithallew isiru mill-ebda Qorti ghaliex hawn l-awtorita' tal-istess Qorti qieghda tigi attakkata. Digrieti tal-Qorti ghandhom jigu obduti skrupolozament u mhux sfidati, addirittura njorati, u tigi intavolata citazzjoni biex id-disprezz jigi mohbi taht is-sembjanza ta' legalita';

5. Illi ma hu minnu xejn li l-attur ghandu jiddetermina huwa jekk it-tifla ghandhiex tattendi ghal-funzjoni jew le imma hija l-istess Onorabbli Qorti li bil-ligi hija moghtija d-dritt suprem li tara x'inhu l-ahjar interess tat-tifla u l-Qorti tat struzzjonijiet taghha fl-interess tal-minuri fid-digriet taghha tal-20 ta' Lulju 2017 fl-atti tal-ittra numru 52/2017 JVC;

6. Illi huwa zball grossolan u dannu kbir ghat-tfal li dawn il-minuri jintuzaw bhala ballun tat-tennis mil-genituri taghhom u jiddahhlu f'piki bla sens u bla bzonn bejn il-genituri. Hu sottomess bir-rispett li hawn ghandu jirbah is-sens komun;

7. Illi l-interess guridiku, dirett u attwali f'din il-kawza huwa li l-Qorti tara x'inhu l-ahjar f'dawn ic-cirkostanzi ghal minuri – xejn aktar jew anqas min hekk.

Salv risposti ulterjuri u bl-ingunzjoni tal-attur ghas-subizzjoni.

**Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-konvenuti.**

**Fliet l-atti.**

**Rat il-verbal tat-3 ta' Awwissu 2017**[4] fejn il-partijiet debitament assistiti mill-abbli difensuri legali tagħhom iddikjaraw li l-mertu ġie eżawrit stante ir-revoka tad-digriet ikkontestat b'digriet ieħor tat-2 ta' Awwissu 2017.

**Rat** li ai termini tal-istess **verbal tat-3 ta' Awwissu 2017** il-kawża ġiet differita għall-probabli transazzjoni u fin-nuqqas għat-trattazzjoni rigward il-kap tal-ispejjeż.

**Rat il-verbal tal-5 ta' Diċembru 2017**[5] fejn l-abbli difensur legali tar-rikorrenti talbet l-allegazzjoni tal-atti tal-**Ittra 52/2017 JVC** fl-ismijiet ***Portelli John et vs Cefai Edwin*** kif ukoll tal-kawza fl-ismijiet ***Dianne Portelli vs Edwin Cefai*** [**Rik. Nru. 26/2015 JVC**] bil-kawża baqgħat differita għall-provi tal-konvenuti.

**Rat il-verbal tat-30 ta' Jannar 2020**[6] fejn il-Qorti wara li nnotat li skont il-verbal tat-3 ta' Awwissu 2017 il-mertu tal-kawża kien eżawrit u l-attur kien żamm ferm il-kap tal-ispejjeż, iddifferit il-kawża għal probabbli transazzjoni u, fin-nuqqas, għall-provi dwar il-kap tal-ispejjeż.

**Rat il-verbal tas-16 ta' Ġunju 2020**[7] fejn il-partijiet infurmaw lill-Qorti li ma' laħħqux ftehim rigward il-kap tal-ispejjeż.

**Rat l-affidavit tal-attur**[8] ippreżentat b'nota nhar is-7 ta' Settembru 2020.

**Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija mill-Avukat Dr. Angele Formosa**.[9]

---

[4] A fol 16
[5] A fol 17
[6] A fol 29
[7] A fol 32
[8] A fol 34
[9] A fol 36

**Rat** illi l-attur għalaq l-istadju tal-provi tiegħu nhar id-9 ta' Settembru 2020[10] bil-kawża ġiet differita għal-provi tal-konvenuti.

**Rat il-verbal tat-23 ta' Novembru 2021**[11] fejn l-abbli difensur tal-attur talbet li l-kawża tmur għas-sentenza fuq il-kap tal-ispejjeż stante li l-mertu ġie eżawrit.

**Rat** li l-istess **verbal tat-23 ta' Novembru 2021** ġie debitament notifikat lill-konvenuti nhar il-25 u s-27 ta' Novembru 2021.[12]

**Rat in-nota tal-konvenuti**[13] li biha nfurmaw lill-Qorti li l-patroċinju tagħhom f'din il-kawża ġie assunt minn avukat ieħor.

**Rat ir-rikors tal-konvenuti**[14] fejn għal-raġunijiet varji talbu li huma jaqblu li l-kawża tkun ċeduta b'dan illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet u għamlu proposta f'dan is-sens.

**Rat** li b'riżultat ta' dan ir-rikors ingħata differiment ieħor għal-provi tal-konvenuti.[15]

**Rat l-affidavit ta' Mary Portelli**[16] ippreżentat b'nota nhar il-25 ta' Frar 2021.

**Rat il-verbal tal-25 ta' Frar 2022**[17] fejn ġie dikjarat li l-provi kollha kienu magħluqa kif ukoll dak tal-**21 ta' Ġunju 2022**[18] fejn l-abbli difensuri legali tal-partijiet trattaw il-kawża.

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha.

**Rat li fis-seduta tal-21 ta' Ġunju 2022**[19] il-Qorti ddifferiet il-kawża għal-llum għas-sentenza.

---

[10] Verbal a fol 39
[11] A fol 50
[12] A fol 50 (*retro-pagina*) u 51
[13] A fol 52 u 56
[14] A fol 53
[15] Verbal a fol 55
[16] A fol 58
[17] A fol 60
[18] A fol 63
[19] A fol 63

**B. Ikkunsidrat:**

Illi dawn il-proċeduri nbdew wara digriet tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja fejn din ordnat l-attendenza u l-parteċipazzjoni tat-tifla minuri tal-attur għat-tieġ taz-ziju matern tagħha.

Jirriżulta li għal xi raġuni mhux ippruvata quddiem din il-Qorti, waqt l-andament ta' dawn il-proċeduri l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja rrevokat l-istess digriet tagħha *contrario imperio*. La l-attur u anqas il-konvenuti ma' taw spjegazzjoni ta' għaliex dan seħħ anzi, filwaqt li l-attur jgħid li huwa ma jafx b'raġuni, il-konvenuta Mary Portelli tgħid li d-digriet spiċċa quddiem Maġistrat ieħor li rtiraħ fuq rikors tal-attur.

Minn analiżi ta' l-atti jirriżulta li l-partijiet entrambi ddikjaraw il-mertu eżawrit u għaldaqstant il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet u l-eċċezzjonijiet tal-partijiet u ser tgħaddi sabiex tiddeċiedi biss dwar l-ispejjeż.

**Deċide:**

Għaldaqstant, u għal dawn ir-raġunijiet kollha hawn fuq premessi din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiddikjara l-mertu ezawrit tiddeciedi u tikkundanna lill-partijiet iħallsu l-kap ta' l-ispejjeż f'ishma ndaqs bejniethom.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur